5 ta' Ottubru, 1951.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Neg. John Coleiro ne.** *versus* **Frank Agius ne. et**

**Att ta' l-Assemblea Leġislativa — Nullità — Impunjazzjoni — Soprassessjoni.**

***Meta f'kawża tqum kwistjoni dwar il-validità jew le ta' Att ta' l-Assemblea Leġislativa li jiġi nvokat kontra t-talba ta' l-attur, għax l-attur jallega li dak l-Att huwa invalidu u bla effett, il-kwistjoni tista' tiġi diskussa u definita fl-istess ġudizzju.***

***Imma, jekk il-kwistjoni hekk sollevata tkun ta' ċerta delikatezza, u jkun jidher aħjar li l-istess kwistjoni tiġi trattata b'azzjoni separata u fuq meritu għaliha, u mhux bħala kontro-eċċezzjoni għall-eċċezzjoni, ikun il-każ li l-Qorti tissoprassjedi għad-diskussjoni u definizzjoni tad-domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni sakemm jiġi deċiż mill-Qorti kompetenti l-punt sollevat; u dan fuq azzjoni li min jallega l-invalidità ta' l-Att għandu jipproponi fi żmien li timponilu l-Qorti.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur fil-kwalità tiegħu msemmija, wara li ppremetta illi bi Proklama nru. III ta' l-1950 l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ta' Malta xandar, għall-finijiet tal-Kap. 99 tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-Ministru tal-Finanzi kien ta l-avviż ta' abbozz ta' liġi biex jemenda l-Ordinanza dwar id-Dazji ta' Importazzjoni u Esportazzjoni (Kap. 122), u li kopja ta' dan l-abbozz ġiet preżentata fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan ta' l-Assemblea Leġislativa; u illi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Kapitolu 99 tal-Liġijiet ta' Malta, id-ditta attriċi f'diversi okkażjonijiet ta' importazzjoni ta' nbid minn dik id-data 'l hawn, barra milli ħallset id-dazju skond il-liġi viġenti, iddepożitat f'idejn il-konvenut Agius nomine, f'diversi drabi, is-somma ta' £15,201, kif jirriżulta mid-dokumenti markati A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T; U, u billi mill-ewwel laqgħa ta' l-Assemblea Leġislativa li saret wara l-imsemmija data għaddew aktar minn erba' xhur, u l-liġi ta' l-awment tad-dazju ma għaddietx, u l-abbozz spiċċa fix-xejn, għaliex l-Assemblea Leġislativa ġiet xjolta; u illi għalhekk l-attur għandu dritt illi dawk id-depożiti jiġu lilu restitwiti, bl-imgħax tat-3% mill-ġurnata ta' kull depożitu, u r-rikjesti magħ-

mulin minnu, tant verbalment kemm per mezz ta' ittra tat-28 ta' Settembru 1950 (dok. X), ma ġewx milqugħa; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati illi jħallsu u jirrestitwixxu lill-attur l-imsemmija somma ta' £15,201. 6. 0. u l-imgħaxijiet relativi kif stabbiliti mill-imsemmija liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li biha jgħidu li t-talba ta' l-attur ma tistax isseħħ, għaliex il-flus in kwisjoni mhumiex ta' l-attur, imma tal-publiku, li fil-fatt ħallashom, u għaliex, fi kwalunkwe każ, il-lum tinsab perenta mill-istess liġi. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in segwitu għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, dik jiġifieri li l-azzjoni ta' l-attur tinsab il-lum perenta mill-istess liġi — l-Att nru. XIV ta' l-1950 — l-attur issottometta li kwalunkwe dispożizzjoni ta' dik il-liġi ma hija ta' ebda effett, għaliex dik l-istess liġi ma hijiex valida; u konsegwentement talab li jiġi lilu mogħti żmien biex fih jagħmel azzjoni "ad hoc" ħalli dik il-liġi tiġi dikjarata nulla. Il-konvenuti rrilevaw li ma hemm ebda raġuni għaliex għandha ssir l-azzjoni mitluba mill-attur, u l-kwistjoni jekk dik il-liġi hijiex valida jew le tista' tiġi deċiża f'din l-istess kawża;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju illi dak li qal trid jagħmel l-attur, jiġifieri li jattakka l-validità ta' Att ta' l-Assemblea Leġislativa, jinvolvi kwistjoni importantissima ta' Dritt Kostituzzjonali, u l-attur jibbaża l-pretensjoni tiegħu għar-raġunijiet, fost oħrajn, li huwa ssottometta oralment, li dak l-Att, bħala "money bill", seta ma għaddiex mill-Assemblea Leġislativa fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni; kif ukoll li l-istess Att jikkonsisti f'inġerenza tal-Poter Leġislativ fuq il-Poter Ġudizzjarju, kuntrarjament għall-prinċipji ġenerali tas-separazzjoni tal-Poteri;

Illi għad li dina l-kwistjoni tista' wkoll tiġi diskussa u definita f'din l-istanza, minħabba d-delikatezza tagħha jidher li jkun aħjar li l-istess kwistjoni tiġi trattata b'azzjoni sepa-

rata u fuq meritu għaliha, u mhux bħala kontro-eċċezzjoni għall-eċċezzjoni, u għalhekk hu l-każ li ssir is-soprasessjoni għad-diskussjoni u definizzjoni tad-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni sakemm jiġi deċiż mill-Awtorità kompetenti fuq azzjoni li għandu jippromwovi l-attur fuq il-validità jew le tal-liġi fuq imsemmija;

Għalhekk;

Tipprovdi fuq l-inċident billi tordna s-soprasessjoni f'din il-kawża, u tagħti lill-attur xahar żmien biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni ta' impunjazzjoni minnu msemmija; u għalhekk tħalli l-kawża "sine die", riappuntabili fuq rikors ta' l-interessati, jew wara li jgħaddi inutilment it-terminu fuq prefiss, jew wara d-definizzjoni tal-kawża li tiġi proposta;

Spejjeż riżervati.